MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 118/1995/1

Francis Theuma

vs

Vincenza xebba Theuma,
U
Carmelo Theuma,
U b'degriet tat-18 ta' settembru 2000,
Il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem
Annunziata Theuma, Patrick Theuma, u Marisa Theuma
Minflok Carmelo Theuma li miet fil-mori tal-kawża.

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta illi:

Illi missier il-kontendenti Paul Theuma, miet f'Victoria, Għawdex fit-tlieta (3) ta' April elf disa' mija wieħed u tmenin (1981); mentri omm il-kontendenti Maria Antonia

Theuma mietet fix-Xagħra fl-għaxra (10) ta' Lulju elf disa' mija tlieta u disgħin (1993);

Illi l-ġenituri tal-kontendenti kienu għamlu testment unika karta fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin fit-tmintax (18) ta' Marzu elf disa' mija u tmenin (1980), fejn fost affarijiet oħra ħallew lit-tlett kontendenti bħala eredi universali tagħhom; fil-waqt ill Maria Antonia Theuma kienet għamlet testment ieħor fl-atti tan-Nutar Joseph Spiteri fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Lulju elf disa' mija sebgħa u tmenin (1987) fejn ħalliet bħala eredi tagħha liż-żewġ konvenuti fi kwoti ugwali bejniethom;

Illi l-attur irid illi jiġi likwidat l-assi ereditarji ta' missieru u dan jiġi diviż fi tlett porzjonijiet ugwali illi jiġu assenjati waħda kull wieħed lit-tlett kontendenti, fil-waqt illi wara li jiġu likwidati l-assi ereditarji ta' ommu, tiġi likwidata l-leġittima spettanti lilu bil-liġi fuq dan il-wirt u din tiġi assenjata lilu skond il-liġi;

Illi barra dan kollu, fl-assi ereditarji ta' missieru kienet is-somma ta' ħamest elef u mitejn lira sterlina (GBP 5200) flimkien mal-interessi relattivi fi British Savings Bonds Numru tar-Reġistru K 852797, liema somma kienet inġabret u ġiet inkassata wara l-mewt ta' missieru mingħajr il-kunsens anzi kontra l-espressa volonta' tiegħu, u stante illi dan l-inkass kien sar mill-konvenuta Vincenza Theuma, l-attur talab u ottjena l-ispedizzjoni ta' Mandat ta' impediment tas-safar kontra l-konvenuta in kawtela tar-restituzzjoni ta' sehmu minn din is-somma u l-interessi relattivi kif ukoll għas-sehem tiegħu minn diversi oġġetti oħra illi l-konvenuta approprijat għaliha nnifisha mill-wirt tal-ġenituri tagħha, liema Mandat iġib in-numru 520/95, u għalhekk din il-kawża qegħda ssir ukoll in sostenn ta' dan il-mandat.

Talab lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandiex din il-Qorti:

1. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti illi kienet teżisti bejn Paul u Maria Antonia nee' Theuma billi tiddikjara illi tikkonsisti f'dawk l-assi u beni illi jirriżulaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

2. Taqsam din il-komunjoni tal-akkwisti hekk likwidata f'żewġ porzjonijiet ugwali illi jiġu assenjati waħda kull wieħed lill-assi ereditarji ta' Paul Theuma, u l-oħra lill-assi ereditarji ta' Maria Antonia Theuma.

3. Tillikwida l-assi ereditarji ta' Paul Theuma billi tiddikjara illi jikkonsistu f'nofs mill-komunjoni tal-akkwisti assenjata lilu kif ingħad, u f'dawk l-assi l-oħra parafernali illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

4. tillikwida l-assi ereditarji ta' Maria Antonia Theuma billi tiddikjara illi jikkonsistu f'nofs mill-komunjoni tal-akkwisti assenjata lilha kif fuq ingħad, u f'dawk l-assi l-oħra parafernali illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

5. taqsam l-assi ereditarji ta' Paul Theuma fi tlett porzjonijiet ugwali illi jiġu assenjati waħda kull wieħed lill-kontendenti;

6. Tillikwida l-leġittima dovuta lill-attur fuq l-assi ereditarji ta' Maria Antonia Theuma u tordna illi l-istess leġittima titħallas lill-attur skond il-liġi.

7. konsegwenzjalment għall-premess tordna lilek konvenuta Vincenza Theuma sabiex tirritorna lura l-assi ereditarji l-beni kollha illi inti approprijajt ruħek minnhom indebitament sabiex dawn ikunu jittieħdu in konsiderazzjoni fil-likwidazzjoni u ħlas tal-porzjonijiet illi għandhom jiġu assenjati lill-partijiet rispettivament.

8. tinnomina kuratur sabiex għan-nom tal-eventwali kontumaċi jidher fuq l-att ta' diviżjoni assenjazzjoni u ħlas tal-leġittima opportun, kif ukoll sabiex jagħmel dawk l-atti kollha neċessarji w opportuni sabiex tkun tista' tiġi effettwata d-diviżjoni illi eventwalment tiġi ordnata illi ssir bis-saħħa tas-sentenza ta' din il-Qorti;

9. tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att ta' diviżjoni, assenjazzjoni u ħlas tal-leġittima opportun f'dak il-jum ħin u lok illi jiġu għalhekk iffissati, u

10. f'każ illi jirriżulta illi l-assi ereditarji mhumiex komodament diviżibbli, tordna l-bejgħ in liċitazzjoni tal-imsemmi assi sabiex ir-rikavat jiġi ripartit bejn il-kontendenti fil-kwoti hawn fuq imsemmija.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tas-16 ta' Awissu 1993, u tal-mandat ta' Impediment tas-safar fuq imsemmi kontra tagħkom konvenuti bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa intom msejħa.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur, konfermata bil-ġurament tiegħu.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Carmelo Theuma li eċċepixxa illi:

1. Illi l-esponenti għadu s'issa ma aċċettax l-ereditajiet tal-ġenituri tal-kontendenti u dan għaliex l-inqas jaf x'inhuma l-konsistenzi tagħha; għalhekk jirriserva li jaċċetta l-istess wirt fi stadju ulterjuri wara li jkunu ġew stabbiliti l-konsistenzi tal-istess wirt.

2. Illi salv il-premess l-eċċipjenti ma jopponix għall-qasma mitluba.

3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut maħlufa minnu.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Vincenza Theuma li eċċepiet illi:

1. Illi l-eċċipjenti ma topponix ruħha li ssir id-diviżjoni tal-wirt in kwistjoni purche' li jiġi verifikat il-konsistenza ta' l-istess.

2. illi mhux minnu dak li jingħad fir-raba' paragrafu taċ-ċitazzjoni peress li dawn il-flejjes ġew imdawwrin fuqha qabel ma miet Paul Theuma u l-flus intefqu għall-bżonnijiet ta' ommha.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuta minnha maħlufa.

Rat id-digriet tagħha tat-18 ta' Jannar 1996 fejn ġie nominat l-avukat Dottor Aaron Attard Hili bħala perit legali.

Rat id-digriet tagħha tas-6 ta' Novembru 2003 fejn irrevokat l-inkarigu tal-perit legali.

Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi ta' l-attur u tal-konvenuti eredi ta' Carmelo Thuema.

Rat il-verbal tagħha tat-8 ta' Mejju 2008 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inkluzi d-dokumenti esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugħa.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-attur qed jitlob il-likwidazzjoni u diviżjoni ta' l-assi ereditarji ta' missieru, li minnhom huwa wiret terz (1/3) indiviż, kif ukoll il-leġittima mill-beni ta' ommu, fi kwota allura ta' wieħed minn disa' (1/9) partijiet, peress illi kienu tliet aħwa.

Irriżulta illi permezz tat-testment *unica carta* li kien sar mill-ġenituri tiegħu fit-18 ta' Marzu 1980[1], l-attur, flimkien maż-żewġ ħutu l-oħra, kien ġie istitwit ko-eredi tagħhom. Imma b'testment ieħor li kienet għamlet l-omm in segwitu għall-mewt tar-raġel tagħha, hija kienet emendat it-testment preċedenti għal dak li jirrigwarda sehemha u ħalliet lill-attur il-leġittima lilu spettanti skond il-liġi.[2]

[1] Atti Nutar Dr. Maurice Gambin : Dok. G a fol. 13 tal-process .
[2] testment ta' l-24.7.1987 in atti Nutar Dr. Joseph Spiteri a fol.15 .

Il-ġenituri tal-kontendenti jirriżulta li kienu ddisponew mill-assi mmobbli kollha tagħhom qabel mewthom, billi xi żmien qabel kienu bigħuhom lill-istess uliedhom.[3] Inħolqu xi dubbji li dan il-bejgħ seta' kien donazzjoni moħbija, imma dawn bl-ebda mod ma ġew issostanzjati. Kien hemm ukoll xi raba' li kienet ipposseduta b'titolu ta' qbiela li l-istess konjuġi Theuma kienu ċedew ukoll lil uliedhom.

Jidher għalhekk illi l-unika kontestazzjoni li baqa' bejn il-kontendenti hija dwar depożitu li kien hemm fil-British Savings Bonds. L-attur jikkontendi illi dan kien jappartjeni lill-assi tal-ġenituri tiegħu u għalhekk huwa għal-qasma. Jirriżulta minn kopja fotostatika ta' ċertifikat rilaxxjat mid-Dipartiment tan-National Savings illi fl-1 ta' Ottubru 1979 omm il-kontendenti Maria Antonia Thuema kellha "9 1/2% British Savings Bonds fil-kont numru K 852797" fl-ammont ta' ħamest elef u mitejn lira sterlina (GBP5200).[4] Dakinhar żewġha Paul Theuma kien għadu ħaj, u allura, skond il-liġi dan l-ammont kien jappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti. Infatti fid-denunzja tas-suċċessjoni datata s-27 ta' Ottubru 1981 (G470/81), il-konvenuta Vincenza Theuma kienet inkludiet nofs dan l-ammont ma' l-assi tad-decujus.[5] Imbagħad f'denunzja addizzjonali tat-2 ta' Mejju 1985 (G189/95), l-istess konvenuta kienet iddikjarat li kien hemm ukoll "1/2 stg. 5200", mingħajr ma speċifikat in-numru tal-kont jew l-isem ta' l-investiment.[6] Imma permezz ta' denunzja korrettorja tal-15 ta' Lulju 1987 (G349/87) Vincenza Theuma stqarret illi: "*Bi żball fid-denunzja korrettorja li jiena ippreżentajt fit-2 ta' Mejju 1985 (G189/85) jiena niżżilt illi missieri, Paul kellhu 1/2 ta' stg. 5200. Dan ma huwa veru xejn għaliex il-flus fil-fatt kienu fuq ismi, u fil-fatt jiena kont nirċievi l-imgħax tal-ammont ta' stg. 5,200 (Certificate No. K 850572). Fl-20 ta' Settembru 1981, u ċioe' wara li kien miet missieri, Paul, jiena trasferejt l-ammont ta' stg. 5,200 fuq ommi, Maria Antonia peress illi kelli d-dejn magħha. Qiegħed nibgħatlek għalhekk d-dokumenti kollha li juru li t-talba*

---

[3] ara kuntratt in atti Nutar Dr. A. Galea tad-29.10.1974: Dok. A a fol. 245 – 250 .
[4] Dok. L a fol. 178 .
[5] ara kopja tad-denunzja relattiva a fol. 170 recto u tergo .
[6] ara denunzja relattiva a fol. 209 recto u tergo u fol. 210 .

*għat-transfer saret fit-30 ta' Settembru 1981 u li fil-fatt fil-15 ta' Awissu 1981, u ċioe' wara l- mewt ta' missieri Paul, l-imgħax irċevejtu jiena*." [7] Li Vincenza Theuma tassew kellha dan il-kont fuq isimha jirriżulta mill-kopja ta' l-i*statement of holdings* esebit mir-rappreżentant tal-Postmaster General.[8] Mill-istess dokument jirriżulta illi fit-13 ta' Ottubru 1981, u ċioe' wara l-mewt tal-missier, l-ammont ta' stg. 5200 ġie trasferit minn dan il-kont għal fuq il-kont numru "K852797  9 1/2 British Savings Bonds", li huwa l-istess kont intestat f'isem Maria Antonia Thuema, u li kien ġie dikjarat fit-tieni denunzja li għamlet Vincenza Thuema dwar l-assi li kellu missierha. Dan allura ma jistax ifisser ħlief illi l-kont li kellha l-omm fil-British Savings Bank, fl-epoka tal-mewt tal-missier kien għadu ma ngħalaqx, b'tali mod għalhekk illi nofs l-investiment ta' stg. 5200, li kien hemm dakinhar tal-mewt tal-missier, u ċioe' s-somma ta' stg. 2600, tappartjeni għal terz kull wieħed lill-kontendenti bħala sehemhom mill-assi tal-missier. Jirriżulta illi eventwalment dan il-kont kien ġie żbankat minn Vincenza Thuema bis-saħħa ta' prokura ġenerali ta' ommha li kienet tipposjedi.[9] Għalhekk u billi, kif ingħad, nofs mill-investiment li kellha Maria Antonia Theuma fl-epoka tal-mewt ta' żewġha kien jappartjeni lil sehem żewġha mill-komunjoni ta' l-akkwisti, u l-armla ma kellha ebda dritt tapproprja ruħha minnu, l-konvenuta Vincenza Thuema li kienet ġiet fdada minn ommha biex tamministra dan il-kont, għandha tinżamm responsabbli biex tressaq għall-qasma dawn l-elfejn u sitt mitt lira sterlina .

Minn naħa l-oħra jirriżulta li l-assi ta' l-omm, in segwitu għall-mewt tal-missier, kif rajna, żdied bl-ammont ta' stg. 5200 li kienu ġgew trasferiti minn fuq il-kont tal-konvenuta Vincenza Theuma għal fuq dak li ommha kellha wkoll bħala British Savings Bonds. Imma mid-depożizzjoni tar-rappreżentant tal-Postmaster General jirriżulta illi l-investiment esteru li kellha Maria Antonia Theuma ġie trasferit għal 13% Treasury Stock u sussegwentement il-flus inġabru minn Vincenza Thuema li, kif ġia ngħad,

[7] ara denunzaj relattiva a fol. 211 recto u tergo u 212 .
[8] Dok. GC 1 a fol. 95 .
[9] Dok. GC 4 a fol. 98 .

kellha l-prokura ta' ommha,[10] u l-kont ingħalaq fl-20 ta' Novembru 1987.[11] Billi dakinhar l-omm kienet għadha ħajja, u Vincenza Theuma xehdet illi dawn il-flus ommha utilizżżathom għall-ħtiġijiet tagħha,[12] u ma tressqet ebda prova illi Maria Antonia Thuema kien għad baqgħalha xi flus fl-epoka tal-mewt tagħha, jirriżulta illi assi li minnhom tista' titħallas il-leġittima spettanti lill-attur mill-eredita' ta' ommu ma hemmx. Lanqas ma ġie ppruvat illi Maria Antonia Theuma għamlet xi donazzjonijiet lill-eredi matul ħajjitha li jistgħu jiġu kollazzjonati sabiex tiġi komputata din il-leġittima.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi:

1. tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-beni formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti tal-mejtin Paul u Maria Antonia Theuma kien jikkonsisti unikament fl-investiment ta' stg. 5200 fi British Savings Bonds fil-kont numru K853797, li l-istess Maria Antonia Theuma kellha fl-epoka tal-mewt ta' żewġha.;

2. tilqa' t-tieni talba;

3. tilqa' t-tielet talba u tillikwida l-beni partikolari ta' Paul Theuma billi tiddikjara li dawn jikkonsistu f'nofs indiviż mill-investiment imsemmi u ċioe' s-somma ta' elfejn u sitt mitt lira sterlina (GPB2600);

4. tiddikjara illi ma rriżultaw ebda assi fl-eredita' ta' Maria Antonia Theuma fl-epoka tal-mewt tagħha;

5. tilqa' l-ħames talba u tiddividi s-somma ta' GPB2600 bejn it-tliet aħwa ulied il-konjuġi Theuma, kontendenti f'din il-kawża jew kif rappreżentati;

---

[10] ibid.
[11] ara xhieda ta' Godwin Camilleri a fol. 93 ; ara wkoll ittra min-National Savings a fol. 175 li tikonferma li l-kont 852797 inghalaq fil-15.2.1985
[12] ara affidavit ta' Vincenza Thuema a fol. 243 – 244 .

6. tiċħad is-sitt talba billi ma rriżultaw ebda assi ereditarji ta' Maria Antonia Thuema li minnhom tista' tiġi komputata l-leġittima dovuta lill-attur;

7. tilqa' s-seba' talba u tordna lill-konvenuta Vincenza Thuema sabiex tirritorna lura fl-assi ereditarji ta' missierha, is-somma ta' elfejn u sitt mitt lira sterlina (GBP2600), dana billi tħallas lill-attur u lill-eredi tal-konvenut Carmelo Theuma bejniethom, s-somma ta' GBP866.66 jew aħjar l-ekwivalenti f'ewro, u cioe' s-somma ta' €1090,48 ewro (EUR 1090,48) kull wieħed; (0.79475 stg = €1)

8. tiċħad it-talbiet l-oħra billi mhux il-każ.

L-ispejjeż, kwantu għal dak li għandu x'jaqsam mad-diviżjoni tal-beni ta' Paul Thuema, għandhom jiġu ssoportati kwantu għal terz mill-attur, terz mill-konvenuta Vincenza Thuema u terz mill-konvenuti l-oħra ulied Carmelo Theuma, filwaqt illi fir-rigward tal-leġittima pretiża inutilment mill-attur, l-ispejjeż relattivi ikunu a karigu tiegħu biss.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------